MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Numru 46/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charlie Andrew Cordina**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost minn Charlie Andrew Cordina, minn sentenza moghtija fid-29 ta’ Jannar 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, li permezz taghha huwa gie mmultat hames mitt Euro (€500), kif ukoll ikkundannat ihallas lil Maria Scicluna somma ta’ seba’ mija u sittin Euro u wiehed u disghin centezmu (€760.91).

**2.** Permezz ta’ att ta’ citazzjoni, prezentat f’April 2007, Charlie Andrew Cordina, bin Alfred u M’Jane nee Pace, imwieled fl-1 ta’ Marzu 1971, u detentur tal-karta tal-identita` nru 160087M, gie akkuzat, fil-kwalita` tieghu ta’ direttur tas-socjeta` Andreluna Ltd u/jew bhala wahda mill-

persuni inkarigati li jhallsu dak li hu dovut lill-impjegati tas-socjeta` msemmija, talli naqas li jhallas *bonus*, *vacation leave* u *allowance* tal-gimgha, kollha dovuti lill Maria Scicluna, ex-impjegata tas-socjeta` imsemmija, fi tmiem tal-impjieg taghha, u dana fl-ammont totali ta' tlett mija sitta u ghoxrin lira u sitta u sittin centezmu (Lm326.66); l-ewwel qorti kienet mitluba li, f'kaz ta' htija, tordna lill-imsemmi Cordina jhallas lill-imsemmija Scicluna l-ammont imsemmi.

**3.** B'sentenza moghtija, kif inghad, fid-29 ta' Jannar ta' din is-sena, l-ewwel qorti, wara li rrespingiet il-pregudizzjali sollevata mid-difiza li l-prosekuzzjoni kienet maqset milli tipprova illi l-imputat kien Direttur tas-socjeta` Andreluna Ltd, sabet lill-istess imputat hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu kif indikat fil-paragrafu **1**, *supra*.

**4.** Cordina appella minn din is-sentenza, wara li talab u kiseb is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni taghha skond il-ligi, permezz ta' rikors intavolat fis-17 ta' Frar 2009. Huwa ghandu aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti "ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi liema apprezzament zbaljat kien ukoll konsegwenza tal-fatt li l-esponent gie impedut milli jikkontesta l-*workings* tad-Dipartiment".

**5.** Dana l-appell huwa wiehed fieragh. Apparti d-drabi li l-appellant, allura imputat, ma deherx quddiem il-Qorti Inferjuri meta kien debitament notifikat, u halla lill-parti leza u lil haddiehor jitla' l-qorti ghal xejn, fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2008 l-imputat, tramite d-difensur tieghu Dott. Anton Refalo, talab zmien sabiex iressaq il-provi u "jissostanzja l-eccezzjoni sollevata [minnu] fl-ahhar udjenza" – proprjament fl-udjenza ta' qabel ta' l-ahhar, cioe` f'dik tal-5 ta' Frar 2008, ghax fl-udjenza immedjatament precedenti (tat-22 ta' April 2008) huwa kien rega' ma deherx minkejja li kien debitament notifikat. Fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2008 huwa kien eccepixxa li l-prosekuzzjoni ma kienitx gabet il-prova illi huwa kien direttur ta' Andreluna Ltd. Ghalhekk, fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2008 il-Qorti laqghet it-talba ghal aktar zmien biex huwa jressaq il-provi u jissostanzja l-eccezzjoni tieghu, u

ddifferiet ghall 24 ta' Gunju 2008. Konsistenti mal-*pattern* kollu ta' kif l-appellant, allura imputat, mexa f'din il-kawza, fl-24 ta' Gunju 2008 huwa ma deherx il-qorti minkejja riferta pozittiva – ghalkemm din id-darba gie ezibit certifikat mediku (ara l-verbal a fol. 15). Il-Qorti Inferjuri regghet "iddifferiet ghall-ahhar darba ghall-provi tad-difiza" ghas-16 ta' Ottubru 2008. U fis-16 ta' Ottunru 2008 l-imputat rega' ma deherx – din id-darba minghajr certifikat mediku! Il-kawza rega' kellha tigi differita ghat-28 ta' Ottubru 2008 meta fl-ahhar beda jixhed l-imputat. Fl-udjenza ta' wara – 27 ta' Novembru 2008 – l-imputat gie kontro-ezaminat, u l-qorti akkordat lid-difiza zmien sal-4 ta' Dicembru 2008 biex "tipprezenta nota flimkien mad-dokumenti", u ddiferiet il-kawza ghat-trattazzjoni finali ghall-4 ta' Dicembru 2008. Proprju fl-4 ta' Dicembru 2008 l-imputat, flok ipprezenta n-nota u d-dokumenti li kellu jipprezenta, intavola rikors fejn fih talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza (ghalkemm il-kawza ma kienitx giet differita ghas-sentenza!!) kif ukoll talab li r-rapprezentant tad-Dipartiment jigi "awtorizzat…jerga' jaghmel il-*workings* tieghu a bazi ta' l-informazzjoni korretta u iffirmata mill-istess Maria Scicluna" – li tajjeb li jinghad kienet ilha x-xhur li ddeponiet. F'dik l-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2008 il-Qorti Inferjuri gustament cahdet it-talba kontenuta f'dan ir-rikors – rikors li ma kien xejn ghajr abbuz tal-process gudizzjarju intiz biex jiddilunga kemm wiehed jiflah dawn il-proceduri. Pero` dik il-qorti xorta taghtu gimgha zmien biex jipprezenta kopja ta' dokument li ghalih kienet saret referenza fl-udjenza ta' qabel, u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-20 ta' Jannar 2009. Mhux biss l-imputat ma pprezentax kopja tal-imsemmi dokument, izda ghall-udjenza tal-20 ta' Jannar 2009 rega' ma deherx! Il-Qorti Inferjuri ordnat l-arrest tieghu u ddifferiet il-kawza, dejjem ghas-sentenza, ghad-29 ta' Jannar 2009, meta effettivament inghatat. Biex issa l-appellant ghandu l-isfaccatagni jghid li gie impedut li jikkontesta xi *workings* tad-Dipartiment!

**6.** Wara li din il-Qorti regghet ezaminat l-atti kollha u d-deposizzjonijiet, hija sodisfatta li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi u waslet ghall-konkluzzjoni gusta. Hija – u din il-Qorti taqbel perfettament maghha –

strahet fuq id-dokument A2, ezibit a fol. 8 tal-atti, mill-liema dokument jirrizulta abbundantement car dak li l-appellant, allura imputat, kien ghad fadallu jhallas lil Maria Scicluna.

**7.** Ghalhekk l-appell qed jigi michud, u s-sentenza appellata konfermata. U peress li, kif inghad, dana l-appell huwa wiehed fieragh fir-termini tal-Artikolu 429(2) tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant ammenda ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erba’ u disghin centezmu (€232.94), konvertibbli f’ghoxrin (20) gurnata detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------